

Brussell, 8 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10290/1/22  
REV 1

CSDP/PSDC 374  
CFSP/PESC 799  
COAFR 145  
CONUN 121  
ATALANTA 10  
PSC DEC 22  
EUMC 195

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 (ATALANTA/5/2022)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE  
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea  
bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin  
tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta),  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179  
(ATALANTA/5/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (il-'Kmandant tal-Forza tal-UE').
- (2) Fis-7 ta' Lulju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179<sup>1</sup>, li taħtar lill-Kontrammirall Riccardo MARCHIÓ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Kaptan (Forza Navali) Rui Miguel Marcelo CORREIA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE l-ġdid mill-4 ta' Awwissu 2022. L-awtoritajiet Portugiżi indikaw li l-Kaptan (Forza Navali) Rui Miguel Marcelo CORREIA ser jiġi promoss għal Komodor mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel ma' dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1179 tas-7 ta' Lulju 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/217 (ATALANTA/4/2022) (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 83).

*Artikolu 1*

Il-Komodor Rui Miguel Marcelo CORREIA huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mill-4 ta' Awwissu 2022.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Awwissu 2022.

Magħmula fi Brussell, ... 2022.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

---